MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tad-9 ta' Gunju, 2003

Appell Civili Numru. 181/1990/1

**Joseph E Pace ghan-nom u in rapprezentanza tas-Socjeta` Thos. C. Smith Insurance Services Limited u dina bhala agent tas-socjeta` estera "Eagle Star Insurance Company Limited"**

**Vs**

**Joseph Hili u Paul Hili bhala diretturi ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Carmelo Caruana Shipping Agency Ltd, agenti tas-socjeta Losinjska Plovidba armaturi tal-bastiment "Lipa" u Godwin Abela u Alfred E. Aquilina bhala direttur ghan-nom u**

**in rappresentanza ta' "The Cargo Handling Company Limited".**

**Il-Qorti;**

**PRELIMINARI**

**IC-CITAZZJONI TA' L-ATTUR NOMINE**

1. B'citazzjoni l-attur nomine ippremetta illi s-socjeta` Valletta Motor Company Limited importat gewwa Malta mitt Skoda Motor Cars (B/L No. 1, Dokument "A") li gew mghobbija fuq il-bastiment "Lipa" minn Koper, Czechoslovakia; illi wara li din il-merkanzija kienet waslet Malta fit-13 ta' Frar 1989 u nhattet minn fuq l-imsemmi vapur giet ikkonsenjata lill-importatur b'diversi nuqqasijiet u danni (Survey report Dokument "B"); illi s-socjeta` assikuratrici "Eagle Star Insurance Company Limited" hallset lill-importaturi s-somma ta' Lm1861.37 kumpens ghan-nuqqasijiet u danni relattivi u giet surrogata fid-drittijiet taghhom u peress li s-socjeta` attrici kellha thallas ukoll Lm60 bhala Agency Fee u bhala Surveyors Fee; illi ghalhekk is-socjeta` attrici soffriet danni fl-ammont totali ta' Lm1921.37; illi l-konvenuti nomine jew min minnhom huwa responsabbli ghal dawn id-danni; premess dan kollu l-attur nomine talab lill-Qort tal-Kummerc sabiex:-
a) Tiddikjara u tiddeciedi li l-konvenuti nomine jew min minnhom responsabbli ghan-nuqqasijiet u danni msemmija; u

b) Konsegwentement, tikkundanna l-konvenuti nomine jew min minnhom responsabbli jhallsu lill-attur nomine s-somma ta' Lm1921.37. Bl-ispejjez u bl-interessi legali mid-data tal-pagament relattiv in rifuzjoni, kontra l-konvenuti nomine..

**L-ECCEZZJONIJIET TAL-KONVENUTI NOMINE**

2.1 Il-Konvenuti Godwin Abela u Alfred E. Aquilina eccepew illi t-talbiet attrici fil-konfront tal-konvenuti nomine

huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante illi s-socjeta` kkonsenjat il-merkanzija “de quo” fl-ammont u fl-istat illi hija rcevitu kif jirrizulta mill-Joint Tally Sheet numru 29507 u Gate Pass Out numru 130927 (Dokumenti AA1 u AA2). Salvi eccezzjonijiet ohra.

2.2 Il-konvenuti Joseph Hili u Paul Hili fil-kwalita` taghhom fuq premessi, eccepew:-
(a) In-nuqqas ta’ gurisidzzjoni fil-Qorti tal-Kummerc stante illi l-partijiet ftehmu fuq gurisdizzjoni Jugoslava skond il-polza tal-kariku tal-merkanzija in kwistjoni;

(b) Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez stante illi l-konvenuti nomine mhumiex responsabbli ghan-nuqqasijiet allegati;

(c) Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, ir-responsabilita` tal-konvenuti nomine hija limitata skond il-ligi w il-polza tal-kariku.

**<u>IS-SENTENZA IN PARTE</u>**

3. B’sentenza in parte moghtija mill-Qorti tal-Kummerc (sedenti l-kompjant Imhallef Carmelo Scicluna) fis-27 ta’ Gunju 1990 dwar l-eccezzjoni ta’ nuqqas ta’ gurisdrizzjoni ta’ dik il-Qorti sollevata mill-konvenuti Hili nomine, dik il-Qorti ddisponiet minn dik l-eccezzjoni preliminari.

**<u>IN-NOTI TA’ L-ATTUR NOMINE</u>**

4. B’nota prezentata fl-udjenza tal-25 ta’ Novembru 1991(fol. 34) l-attur nomine ceda l-kawza biss fil-konfont tal-konvenuti Hili nomine. Il-Qorti tal-Kummerc ghalhekk astjeniet ruhha milli tiehu aktar konjizzjoni tad-domandi attrici in kwantu diretti kontra l-konvenuti Hili nomine. B’nota ta’ l-attur nomine prezentata fl-udjenza tas-7 ta’ Mejju 1993 (fol. 61) l-ammont mitlub fic-citazzjoni gie ridott bl-ammont ta’ Lm480.34 stante pagament ta’ 25% maghmul mill-konvenuti Hili nomine.

**<u>IS-SENTENZA APPELLATA</u>**

5. B’sentenza tas-16 ta’ Ottubru 1994 il-Qorti tal-Kummerc ddecidiet illi tilqa’ l-ewwel talba fil-konfront biss tas-socjeta` konvenuta “The Cargo Handling Company Limited” u kkundannat lill-istess socjeta` konvenuta thallas lill-attur nomine in linea ta’ danni s-somma komplessiva ta’ Lm1066.37 bl-imghaxijiet minn dik id-data, u bl-ispejjez kontra l-istess socjeta` konvenuta sokkombenti.

**<u>L-APPELL TAL-KONVENUT GODWIN ABELA U ALFRED E. AQUILINA NOMINE</u>**

6. Il-konvenuti Godwin Abela u Alfred E Aquilina nomine appellaw minn din is-sentenza fuq l-aggravji li gejjin:-
(a) Illi fl-ewwel lok l-ewwel Qorti iddecidiet li s-socjeta` appellanti hija responsabbli ghall-hsarat u nuqqasijiet allegati peress li skond hi **irrizulta mill-provi prodotti li meta** l-karozzi in kwistjoni gew skarikati minn abbord kellhom biss hsarat u mhux nuqqasijiet. Ghall-hsarat is-Socjeta` konvenuta l-ohra hallset Lm480.34. Illi ghan-nuqqasijiet fil-karozzi ghandha tirrispondi s-Socjeta` appellanti billi dawn probabilment graw meta l-karozzi kienu fil-kustodja ta’ din l-ahhar imsemmija kumpanija.

Illi tali bran mis-sentenza unika ghar-rigward r-responsabilita` fid-dawl tal-provi prodotti, anke biss mill-attur nomine, juri li l-Ewwel Onorabbli Qorti injorat ghal kollox il-provi migjuba quddiemha, u in-Nota tal-Osservazzjonijiet tal-appellanti nomine u d-dokumenti hemm esebiti u dan peress:

**I** mit-tallysheets, li huma joint, jirrizulta li l-mitt karozza Skoda nizlu hemm b’nuqqasijiet “bla batteriji” u “two rear teil (sic!) lamps missing” u **ukoll** bi hsara u cioe` hdax-il karozza b’seats broken. Mela anke mit-tallysheets jirrizulta li l-karozzi nizlu kemm bil-hsara u kemm bin-nuqqsijiet;

**II** illi d-danni allegati mis-socjeta` attrici kienu jikkonsistu kemm f’nuqqasijiet u kemm fi hsarat, Dok. JP u JP1 rispettivament, fejn l-ahhar dokument juri l-ammont ta’ dents li allegatament kellhom l-karozzi, mela kontra dak

kontenut fis-sentenza s-Socjeta` attrici giet misjuba responsabbli wkoll ta’ hsara.

**III** illi dan il-bran bis-sentenza, jinjora l-provi prodotti dwar is-segwenti:

(i) Tali dokument JP1 ma huwiex la iffirmat u lanqas datat.

(ii) Jinjora x-xhieda tal-attur tal-5 ta’ Gunju 1992 fejn qali li “**peress li l-karozzi meta jkunu abbord ikollhom protective coating meta jkunu nezlin minn abbord, difficli illi tara xi hsarat jew nuqqasijiet li jkollhom go fihom, gieli wkoll minhabba coating wiehed ma jindunax b’xi hsarat zghar li jkollha l-istess karozza minn barra”.** Mela certament li fid-dawl ta’ din ix-xhieda l-attur inifsu qed jghid u dan bhala surveyor li kif nizzlu l-karozzi minn abbord ma setax jidentifika jekk il-karozzi kellhomx hsara. Dan qed jinghad b’riferenza partikolari ghal Dok. JP1 kollu, fejn hemm imsemmija diversi dents. Dan japplika ukoll ghal diversi nuqqasijiet.

(iii) Injorat ukoll ix-xhieda tal-istess attur li tali survey relativ ghal Dok. JP u JP1 sar meta **“l-karozzi kienu gja` fil-pussess tal-consignees”** u cioe` gia kienu nghataw mis-socjeta` appellanti lill-importatur. Injorat ukoll il-fatt li tali xhud ikkonferma dak premess f’para. (c) (ii) u di piu li waqt l-iskarikar ghal fuq il-moll u wkoll waqt li l-karozzi gew rilaxxati mis-Socjeta` appellanti, meta s-surveyor kien ukoll prezenti, **ma setax jiccekja tali hsarat proprio minhabba l-protective coating tal-istess vettura.**

(iv) Gie injorat ukoll il-fatt li tali vetturi kemm skond it-tally sheets u Gate Pass Out gew rilaxxati dak in-nhar stess u l-ghada li nizzlu minn fuq il-vapur (13 u 14 ta’ Frar 1989). Cioe` huwa inkredibbli li wiehed jasal ghal konkluzjni li qabel it-tragitt u waqt it-tragitt fuq il-vapur ma saret l-ebda hsara lill-vetturi u f’gurnata wara li tnizzlu minn fuq il-vapur saret dik il-hsara kollha allegata sakemm gew rilaxxati lill-importatur.

(v) Gie injorat ukoll li l-Gate Pass Out kien iffirmata mir-rapprezentant tas-socjeta` appellanti u mir-rapprezentant tal-importatur innifsu, meta dan kellu surveyor mieghu. Tali Gate Pass Out mhux biss ma giex ikkontestat izda l-attur innifsu spjega li ma setax jivverifika hsarat ohra la dak il-hin u lanqas qabel meta tali karozzi nizzlu minn fuq il-vapur. Di piu Emanuel Dimech ikkonferma l-istess Gate Pass Out u Joseph Abela, ufficjal tad-Dwana fis-7 ta' Mejju 1993 ikkonferma il-kontenut tad-Dok. JA1, JA2 u JA3 li kkonfermaw li fil-mument tar-rilaxx il-hsara kienet biss kif indikata fil-Gate Pass Out. Id-Declaration and Disposal Orders jikkonfermaw dawn.

(vi) Giet ukoll injorata l-prova ikkonfondibbli li f'terminu ta' anqas minn 24 siegha mill-wasla tal-vapur sal-konsenja lill-importatur ma setghetx issir l-allegata hsara.

(vii) Il-protective coating tal-karozzi impedixxa li tali karozzi setghu jigu ezaminati f'kull parti tat-tragitt tant li l-allegati hsarat u nuqqasijiet instabu wara ghand l-importatur. Bhala fatt allura tali hsarat, certament m'humiex koperti bil-klawzola fil-Polza ta' Karigu **"shipped on board in apparent good order and condition"** u dan ghaliex meta tghabbew ma kien jidher xejn.

(viii) Illi dwar **il-kontenut** tal-istess vetturi ma saret l-ebda prova ta' kif tali vetturi tghabbew u wiehed jirreferi wkoll ghall-klawzola fl-istess Polza ta' Karigu li tipprovdi li "weight, measure, marks, numbers, **quality, contents**, and value if mentioned in the bill of lading are to be considered **unknown**"

(ix) Gie injorat il-fatt li tali survey tal-attur bin-nuqqasijiet u hsarat hemm specifikati, saru biss u gew skoperti **wara r-rilaxx mis-socjeta` appellanti, u fil-warehouse tal-importatur u meta allura tali karozzi kienu gew misjuqa minn divesi persuni u gia kienu fil-pussess tal-importatur apparti il-fatt li tali survey l-anqas data ma tirrizultalu (xiehda ta' l-attur 5.6.92).**

(b) Illi di piu jidher li giet injorata ghal kollox in-Nota tal-Osservazzjonijiet tal-appellant nomine fejn gew elenkati l-fatti kollha fuq imsemmija u s-segwenti Artikoli tal-Ligi:

**Artikolu 6(3)(a)(v)(vi) tal-Ports Ordinance u Art. 86 tar-Regolamenti tal-Port 1966,** fejn is-Socjeta` appellanti hija ezenti minn kull responsabilita` meta il-merkanzija tinzel bil-hsara minn fuq il-vapur.

**Artikolu 90 u Schedule 13 tal-Ports Regulations 1966,** fejn hemm stipulat li l-vetturi li ghandhom jinhaznu fil-berah jaghmlu dan **"always at the sole risk of the owner".**

**Artikolu 70 tal-Port Regulations 1966,** li jistipola li "**in the case of unit loads or unitised cargo the Director of Ports or his contractor may subject to the provisions of this regulation give a receipt for the <u>quantity only</u> of unit loads received from the ship".** Unit load skond l-att IX tal-1973 inter alia jinkludi **"vehicles or trailers rolled on or off a ship".**

(c) Illi dan kollu jidher li s-socjeta` appellanti ma kienitx responsabbli ghall-hsarat u nuqqasijiet allegati u dan ghar-ragunijiet premessi li fil-qosor huma s-segwenti:

(i) Ma hemm ebda prova li tali hsarat ma kienux jezistu qabel ma l-istess vetturi tghabbew fuq il-vapur.

(ii) Ma hemm ebda prova li tali hsara saret fil-pussess tas-Socjeta` appellanti nomine anzi jirrizulta il-kuntrarju mit-tally sheets u l-Gate Pass Out (A.K. 19.8.92 Reg. Micallef –vs- Jones – KGMB 1.6.90 Alfred Gatt –vs- Godwin Abela 95/96/90 – JDC 24.3.94 Dr. A. Sammut –vs- Gollcher).

(iii) Illi gie konkludentament ipprovat li minhabba il-protective coating tal-vetturi wiehed ma setax jara il-hafna hsarat zghar allegati.

(iv) Il-hsarat u n-nuqqasijiet allegati gew skoperti biss fil-pussess tal-imporatur (AK 19.8.92 – Reg. Micallef –vs- Jones).

(v) Illi minhabba n-natura ta' tali allegati hsarat u nuqqasijiet ta' entita` zghira jidher car li bhala fatt qatt ma setghu gew indikati fit-tally sheets u lanqas fil-Bill of Lading (JDC 26.5.94 – Dr. Robert Staines –vs- Godwin Abela) Multo magis meta f'temp ta' gurnata tali karozzi gew ikkonsenjati lill-imporatur.

(vi) Bla pregudizzju ghall-premess ai termini tal-Art. 6 tal-Ports Ordinance 1962 u Art. 90 tal-Port Regulations 1966 tali karozzi fil-berah ikunu dejjem **"at the sole risk of the owner"** (KF 15.11.93 – Ray Micallef –vs- Godwin Abela – AK 16.3.92 Reg. Micallef –vs- Godwin Abela).

(vii) Illi bla pregudizzju ghall-premess dwar l-ammont ta' Lm480.34 imhallas lill-attur fil-mori tal-kawza qatt ma gie spjegat ghal liema hsarat jirreferu minn Dok. JP1 u Dok. JP2.

(d) Illi bla pregudizzju ghall-premess dwar **survey fees** wiehed jirreferi ghas-sentenza Dr Robert Staines –vs- Godwin Abela AK 6.4.92 fejn certament ma jistax jinghad li l-kwistjoni ta' survey fees hija wahda ta' **"formalizmu esagerat"** u dan aktar u aktar f'kawza ta' risarciment ta' danni u dwar surroga. Kieku surroga ma ghandha ebda sinjifikat kieku s-sentenzi fl-ismijiet Edwin Mirabelli –vs- James Gollcher (14.3.88), Carmel Bugeja –vs- Godwin Abela (1.2.88) u Edwin Mirabelli –vs- JP England (12.12.90) ma kienux jigu segwiti mill-Qrati Taghna bil-fuq minn xi sittin sentenza. Dan aktar japplika mal-bran tas-sentenza appellata dwar l-interessi, liema bran jaghti importanza sew lis-surroga.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-konvenuti appellanti Godwin Abela u Alfred E. Aquilina nomine talbu li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza fl-ismijiet premessi deciza fl-14 ta' Ottubru 1994, b'dan li minflok jigu michuda t-talbiet attrici fil-konfront tal-appellanti nomine, u minflok jigu milqugha l-eccezzjonijiet tal-appellanti

nomine, li jigu dikjarati mhux responsabbli ghall-allegata hsara premessa, u allura illiberati minn kull responsabilita` u hlas, bl-ispejjez taz-zewgt istanzi kontra l-attur appellat.

**IR-RISPOSTA TAL-ATTUR JOSEPH PACE NOE**

L-attur appellat nomine wiegeb hekk:-

Illi s-sentenza appellata hija gusta u legali u ghalhekk timmerita li tigi konfermata bl-ispejjez kontra l-appellant.

Illi l-esponent jissottometti bir-rispett illi l-Qorti tal-Kummerc ghamlet apprezzament tajjeb tal-provi prodotti.

Illi mill-bill of lading jirrizulta li l-merkanzija importata mill-assigurat tal-attur nomine kien "Shipped on board the vessel, the goods or packages said to contain the Cargo described belew … in apparent good order and condition … and to be delivered in like good order and condition unto order …….. Shipped Clean of Board."

Il-bill of lading ma gie b'ebda mod immarkat u dan ifisser li gie accettat li l-merkanzija waslet ghand l-istess Bastiment "in apparent good order and condition".

Jirrizulta li mit-tally sheets li l-karozzi nizzlu b'xi hsarat. Is-socjeta` konvenuta Carmelo Caruana Shipping Agency Limited accettat dan u hallset l-ammont ekwivalenti ghal dawn il-hsarat. Ghalhekk it-talba attrici giet ridotta.

F'dan l-istadju, kienet is-socjeta' konvenuta The Cargo Handling Company Limited li kellha tipprova li kkonsenjat l-karozzi fl-istess stat kif jirrizulta mit-tally sheets.

Jirrizulta mix-xhieda tas-surveyor Joe Pace, mis-survey report esebit mac-citazzjoni u mix-xhieda tal-importatur li l-merkanzija giet konsenjata lill-importatur mill-Cargo Handling Company Limited bil-hsarat u nuqqasijiet li ma gewx immarkati fuq it-tally sheets.

Ma hemmx dubju li l-konvenuti The Cargo Handling Company Limited ghandhom ghalhekk jirrispondu ghal

dawn in-nuqqasijiet. Dan kif prospettat fil-Carriage of Goods by Sea Act 1954 (Hague Rules), kif stabbilita fil-Ligi Ingliza u abbracciata mill-Qrati taghna (Cuschieri noe vs Scicluna (6/10/1981) u Vincenti Kind noe. Vs. Mizzi (11/2/1980)).

Kien id-dover tal-konvenuti nomine li jippruvaw li l-hsarat u danni ma kienux b’tort taghhom.

L-esponent jaghmel referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell fil-kawza Wilfred Mamo noe vs Paul Mifsud et noe. deciza fil-5 ta’ Ottubru 1988 fejn intqal:

“Din il-Qorti diga` kellha okkazjoni tfisser l-posizzjoni legali f’kawza ohra simili ghal dik prezenti, cioe` l-kawza Wilfred Mamo vs Paul Mifsud et deciza 5 ta’ Gunju 1987. F’dik is-sentenza gie ritenut li l-klawzola “Shipped in apparent good order and condition (unless otherwise stated herein) on board the above named vessel at or off the Port of loading names above the goods herein … and to be delivered in the like good order and condition” tistabilixxi prima facie l-prova li l-merkanzija imsemmija fil-polza giet karikata f’kondizzjoni tajba u timponi l-obbligu li l-merkanzija tigi skarikata fl-istess kondizzjoni tajba. Jekk ma tingieb l-ebda prova biex twaqqa’ l-imsemmija prezunzjoni mill-parti li trid twaqqaghha, allura l-Qorti ghandha tikkonkludi li fil-fatt il-merkanzija deskritta fil-polza giet karikata f’kondizzjoni tajba u ghandha tigi hekk ukoll skarikata”.

Il-Qorti kompliet li kenu l-konvenuti li ghandhom l-obbligu li jwaqqghu l-imsemmija prezunzjoni.

F’dan il-kaz, kif jirrizulta mx-xhieda ta’ Anthony Gravino, tally clark tas-socjeta` The Cargo Handling Company Limited, certu Vince Amato ikkonferma t-tally sheets esebit mill-istess xhud billi iffirma l-istess.

Dan ifisser li waqt li kienu nizlin l-karozzi r-rapprezentant tal-Cargo Handling Company Limited ikkonferma li kien hemm biss l-hsarat immarkati fuq it-tally sheets u xejn aktar.

Issa mis-survey li sar wara mill-attur stess, liema survey sar wara li l-karozzi kienu ilhom fil-pussess tas-socjeta` The Cargo Handling Company Limited, jirrizulta li kien hemm izjed danni u nuqqasijiet konsiderevoli.

Joseph Abela rapprezentant tad-dwana ikkonferma li l-karozzi gew “released” fl-14 ta’ Frar 1989. Ikkonferma ukoll li bejn il-wasla tal-vapur fit-13 ta’ Frar 1989 u r-release l-karozzi kienu taht il-kontroll tas-socjeta` The Cargo Handling Co. Limited.

Illi skond Emanuel Dimech rapprezentant tal-Cargo Handling meta nghata l-konsenja mill-istess socjeta` lill-importatur kien hemm “batterija nieqsa” u “2 grills” u “4 head lamps” neqsin. Illi dawn l-items neqsin ma gewx imsemmija fit-tally sheet iffirmat minn rapprezentant tal-Cargo Handling Ltd. liema tally sar ezatt kif il-karozzi nizzlu minn fuq il-bastiment. Dan ifisser li dawn l-items gew nieqsa waqt li l-karozzi kienu fil-pussess tas-socjeta` Cargo Handling Ltd.

Illi billi skond it-tally sheet ikkonferat mit-tally clerk tal-Cargo Handling Limited kien hemm danni biss u ebda item nieqes, u billi kif jirrizulta mis-survey report kien hemm “shortages” ammontati ghal Lm1021.37 l-istess socjeta` konvenuta ghandha tigi tenuta responsabbli ghal dawn is-shortages.

Illi kif gie deciz fil-kawza Joseph E. Pace nomine vs David Jones et nomine deciza fl-24 ta’ Jannar 1994 (Citaz. 1278/88JDC) “F’kazijiet bhal dawn l-oneru tal-prova ma huwiex statiku u spiss fil-kors tal-operazzjoni jghaddi minn fuq parti ghall-ohra”.

Malli l-attur ipprova li skond tally sheet iffirmat minn rapprezentant tas-socjeta` The Cargo Handling Limited kien hemm ebda “shortage” meta l-karozzi tnizzlu minn fuq il-vapur, kienet l-istess socjeta` li kellha l-oneru tal-prova li l-karozzi gew moghtija minghajr shortages. Illi jirrizulta mis-survey report u mix-xhieda tal-importatur li kien hemm kwantita` ta’ parts neqsin.

Illi skond l-artikolu [recte: regolament] 5 ta' l-Avviz Legali numru 73 tal-1978 t-talja ta' merkanzija jitqiesu li jkun dikjarazzjoni dwar il-kwantita` u x-xorta tal-merkanzija li tkun inhattet minn fuq il-bastiment.

Illi fin-nota tal-appell l-konvenuti nomine qieghdin jibbazaw l-aggravju taghhom fuq il-fatt li l-attur qal li meta jkunu nizlin l-karozzi, "difficli illi tara xi hsarat jew nuqqasijiet li jkollhom go fihom".

Illi certament is-socjeta` konvenuta ma tistax tuza dan favur taghhom.  Jekk ma setghux jaraw il-hsarat u nuqqasijiet ghaliex iffirmaw it-tally sheet li jikkonferma li ma kienx hemm dawn in-nuqqqasijiet?

Illi fil-fatt wiehed jifhem li minhabba l-protective coating wiehed jista ma' jindunax b'xi dent izda certament in-nuqqasijiet msemmija fis-survey report xorta kellhom jindunaw bihom.  Sinjal li meta l-karozzi nizlu mill-bastimenti ma kien hemm ebda nuqqas u meta imbaghad l-karozzi kienu fil-pussess tas-socjeta` The Cargo Handling Company Limited insterqu.

**KONSIDERAZZJONIJIET TAL-QORTI**

7. L-appell tas-socjeta' konvenuta The Cargo Handling Company Limited jirreferi ghal vertenza li ghandha x'taqsam ma dik li generikament hija maghrufa bhala "marine cargo claim".  Kunsinna vetturi tal-marka "Skoda" gew imporati lokalment, skarikati fil-Port ta' Malta, mghoddija in depozitu taht il-harsien tas-socjeta` appellanti u finalment gew rilaxxjati ghand id-destinarju, assikurat mas-socjeta` appellata.  Id-destinarju rriskontra danni u nuqqasijiet fil-vetturi de quo versu l-ammont globali ta' Lm1861.37c.  Dwarhom ghamel "claim" mas-socjeta` attrici li min-naha taghha hallsitu dan l-ammont u hu ssuroga lill-istess socjeta` assikurattrici fid-drittijiet tieghu.  Effettivament mill-provi jirrizulta li s-socjeta` assikurattrici odjerna appellata irrimborzat dan l-ammont lill-assikurat taghha.  In segwitu hija pprocediet kontra z-zewg socjetajiet konvenuti kemm ghall-fini ta' rkupru ta' l-

ammont ta' danni li hija kienet hallset lill-assikurat taghha, kif ukoll ghall-hlas lura ta' Lm60 (sittin lira) spejjez ta' "survey fees", b'kollox ghalhekk ghal Lm1,921.37c.

8. Fil-mori tal-kawza s-sorte gew ridotti bl-ammont ta' Lm480.34c u dan peress li s-socjeta` attrici rceviet dan l-ammont minghand is-socjeta' konvenuta Carmelo Caruana Shipping Agency Limited u l-attur nomine ceda l-kawza fil-konfront taghha. In segwitu l-Qorti ta' l-ewwel grad spiccat biex laqghet it-talbiet attrici fil-konfront tas-socjeta` The Cargo Handling Company Limited b'dana li l-imsemmija socjeta` konvenuta giet ikkundannata thallas l-ammont ta' Lm1,066.37c. Minn din is-sentenza gie interpost appell mis-socjeta` The Cargo Handling Company Limited.

9. Illi minkejja li fil-petizzjoni ta' l-appell taghha, is-socjeta` appellanti taghmel ukoll riferenzi ghal xi artikoli tal-ligi kif ukoll regolamenti taht il-Ports Ordinance u l-Port Regulations tal-1966, huwa evidenti u pacifiku li fis-sustanza l-aggravji tas-socjeta` appellanti jirrigwardaw primarjament l-apprezzament tal-provi li sar mill-ewwel Qorti. Skond l-appellanti l-ewwel Qorti injorat diversi partijiet mid-deposizzjonijiet u mill-provi li gew prodotti quddiemha li, skond hi, kellhom iwasslu ghac-cahda tat-talbiet tal-attur nomine.

10. Hija prassi ben stabbilita ta' din il-Qorti li in assenza ta' raguni jew ragunijiet gravi li jiddettaw xort'ohra hija ma tiddisturbax dik l-evalwazzjoni tal-provi ta' fatt li tkun saret mill-ewwel Qorti u li quddiemha jkunu gew mismugha u prodotti l-istess provi. Naturalment biex din il-prassi tigi segwita s-sentenza appellata trid tkun tali li ghal dak li ghandu x'jaqsam ma' motivazzjoni jrid ikun hemm ragjonament sufficjenti biex din il-Qorti tkun f'qaghda li tara jekk huwiex il-kaz li tintervjeni jew le. Sfortunatament, ghalkemm ma hemmx dubju li s-sentenza appellata tissodisfa l-kriterji kollha minn punto di vista ta' validta` legali fl-istess waqt ftit taghti spjegazzjoni biex turi ezattament x'induciha tikkonkludi favur it-talbiet attrici. Hemm biss sentenza unika u lakonika li tghid semplicement,

“Illi mill-provi prodotti jirrizulta li meta l-karozzi in kwistjoni gew skarikati minn abbord huma kellhom biss hsarat u mhux nuqqasijiet.”

Il-bqija tad-decizjoni tirrigwarda t-talba ghall-hlas tas-“survey fees” u dwar l-interessi mitluba fuq id-danni. Ghalhekk kien jinkombi maggorment fuq din il-Qorti li terga tezamina sew il-provi prodotti mill-partijiet.

11. Illi f’kazijiet ta’ danni bhax-xorta reklamati f’din il-kawza suppost li tramite l-procedura maghrufa bhala “joint tallying” fil-mument tal-iskarikar tal-merkanzija, akkoppjata ma’ ezami sew tal-kontenut li jkun ukoll riportat fil-polza ta’ kariku fil-mument li l-merkanzija tkun ittellghet abbord, kull parti interessata tkun f’qaghda li tissorvelja, tikkontrolla u tivverfika l-operazzjoni shiha mill-mument tat-tluq sal-mument li l-istess merkanzija tasal ghand id-destinatarju. Din il-Qorti uzat il-kelma “suppost” ghaliex hafna drabi jkun hemm cirkostanzi, u xi kultant nuqqasijiet varji, li jaghtu lok u jnisslu stat ta’ incertezza. Mit-“tally sheets” li gew esebiti jirrizulta li hawn si trattava kemm ta’ nuqqasijiet kif ukoll ta’ hsarat. Dan ghaliex barra li gew innutati li fil-mitt vettura li gew impurtati nstabu neqsin xi batteriji u zewg fanali ta’ wara kien hemm ukoll hdax-il vettura bis-“seats” iddanneggjati. F’dan is-sens is-socjeta` appellanti ghandha ragun tilmenta li l-ewwel Qorti m’gharfitx tispjega kif inhu xieraq dan l-istat ta’ fatt. B’daqstant pero`, fil-fehma ta’ din il-Qorti, ma jfissirx lanqas li l-konkluzjoni raggunta mill-ewwel Qorti necessarjament kienet zbaljata.

12. Li jirrizulta kjarament li gara f’dan il-kaz huwa li minkejja l-prezenza ta’ “surveyors” – li fil-kaz ta’ l-attur nomine flok tellgha lil Alfred Fenech li effettivament kien prezenti waqt il-hatt ipprefera li jixhed hu mir-“records” li kellu fil-pussess tas-socjeta` – u minkejja wkoll li ntalbet is-somma ta’ Lm60 biex isiru l-ezamijiet opportuni, fil-fatt gara illi mihabba l-prezenza ta’ “protective coating” li kien jiksi l-vetturi de quo, l-estensjoni tan-nuqqasijiet li gew in segwitu riskontrati mid-destinatorju wara li dawn gew rilaxxati mill-pussess tas-socjeta` appellanti ma kenitx immedjatament vizibbli. Huwa minnu li fil-mument li jsir ir-

rilaxx tal-vetturi jkun hemm spezzjoni akkurata ohra (suppost) fuq il-vetturi u kull rimarka titnizzel debitament fuq il-"Gate Pass Out" imma hemm diversi sentenzi moghtijin minn din il-Qorti fis-sens li dan il-"Gate Pass Out" johloq biss prova juris tantum u f'kaz ta' provi li juru xort'ohra jistghu dawn iwasslu ghal konkluzjoni diversa minn dak li jkun gie mnizzel f'dan ic-certifikat imsejjah "Gate Pass Out". Issa fil-kaz in ezami jirrizulta li wara li l-vetturi gew mnaddfa mix-xemgha li kienu miksijin bih, tfaccaw diversi daqqiet fuq il-vetturi kif ukoll instab li kien hemm diversi "parts" neqsin. Dan kollu johrog b'mod car hafna mill-elenku dettaljat riportat fid-dokumenti mmarkati bhala Dok JP1 u Dok JP2. L-ilment ta' l-appellanti f'dan ir-rigward hu li dawn id-dokumenti ma gewx iffirmati. Ghalkemm dan huwa minnu pero` jirrizulta wkoll li dawn id-danni u nuqqasijiet gew debitament ikkonfermati bil-gurament mix-xhud Richard Cachia, prodott mill-attur nomine, impjegat bhala Administration Manager mal-Valletta Motor Company Limited. Din il-Qorti, bhal dik ta' qabilha, ghandha tipprezumi li, in kwantu din ix-xhieda dokumentali ma gietx kontradetta fil-mument opportun, dak li hemm riportat fiha jirrispekkja l-fatti. Din il-Qorti hija tal-fehma li socjeta` li kellha kull interess li tircievi l-vetturi fl-ahjar stat ma kellha ebda interess li taghmel xi ezercizzju ta' "pilfering" fuq certu items mill-vetturi jew li tikkaguna sensiela ta' "dents" danneggjanti l-istess vetturi. Jidher invece evidenti, almenu fuq bazi ta' probabilita` li dawn in-nuqqasijiet u hsarat saru fil-mument meta l-vetturi kienu temporanjament fil-pussess u harsien tas-socjeta` appellanti.

13. Aggravju iehor ta' l-appellanti huwa dwar is-"survey fees" li huma gew ikkundannati jhallsu nonostante li s-surroga ma kenitx tkoprihom. Dwar dan il-punt hemm fil-verita` sentenzi kontrastanti moghtija minn dawn il-Qrati in kwantu hemm minhom li jirritjenu – kif issostni s-socjeta` appellanti – li darba li s-surroga ma kienitx strettament tkoprihom dawn l-ispejjez allura legalment ma setghux ukoll jintalbu mis-socjeta` attrici bhala surrogata fid-drittijiet tal-assikurat, mentri hemm decizjonijiet ohrajn li ammettew tali danni in kwantu irritjenew – kif qalet l-ewwel Qorti – li kien merament "formalizmu esagerat" li

wiehed jippretendi mod iehor dato li dawn huma danni reali u reklamabbli.  F'dan l-istat ta' incertezza din il-Qorti jidhrilha li ghandha ssegwi l-kelma tal-ligi u darba li ma giex ippruvat li dawn kienu parti mill-hlas ippercepit mill-assikurat "non si trattava" allura ta' drittijiet dovuti per via ta' surroga.  Ma kien hemm xejn milli jzomm l-attur nomine milli jifformula l-att ta' citazzjoni b'termini differenti. Minbarra dan, pero`, f'kull kaz ghandu jigi osservat li parti mid-danni, almenu kwantu ghal 25%,  gew assunti mis-socjeta` l-ohra konvenuta u f'dan ir-rigward ukoll ma jissemma assolutament xejn dwar spartizzjoni tas-"survey fees" mitlubin originarjament fil-konfront taz-zewg socjetajiet konvenuti.  Fic-cirkostanzi ghalhekk din il-Qorti hija tal-fehma li ghandha tilqa' dana l-aggravju b'dana pero` li ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-kap ta' l-ispejjez, tenut kont ta' l-ammont tassew zghir involut, m'ghandu jkun hemm ebda rifless fuqu f'forma ta' xi temperament ulterjuri minn kif deciz.

14.  Illi riferibilment ghall-artikoli u regolamenti tal-Ports Ordinance citati mis-socjeta` appellanti din il-Qorti tosserva li l-ligi u r-regolamenti hemm kontenuti kienu gew ippromulgati bl-iskop li kemm huwa possibli jsaltan l-ordni fil-qasam tal-port u mhux biex tinghata immunita` assoluta lill-Kontrollur tal-Port jew il-kuntrattur tieghu minn kull agir jew operazzjoni li dan jaghmel. Darba li terz avanza pretensjoni kontra l-operat taghha, is-socjeta` konvenuta kienet legalment tenuta li turi li hija bl-ebda mod ma kienet responsabbli ghax xi nuqqas meta l-merkanzija de quo ghaddiet fil-pussess u taht il-harsien taghha.  Mhux bizzejjed li din tfarfar kull responsabilita` billi tghid li dan id-depozitu sar "at the sole risk of owner" imma jkun mehtieg ukoll jintwera li hija qdiet il-parti taghha b'dik id-diligenza li tispetta lil "bonus paterfamilias".  Dan ma jirrizultax li sar min-naha taghha fil-kaz in ezami.

Ghal dawn ir-ragunijiet:

Tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonferma dik il-parti fejn ir-responsabilita` ghall-hlas tad-danni relativi ghall-hsarat u nuqqasijiet ghall-vetturi giet mixhuta fuq is-socjeta` appellanti, tirrevokaha kwantu

inkludiet bhala danni s-“survey fees” fl-ammont ta’ sittin liri (Lm60); tirriforma ghalhekk l-ammont ta’ danni billi tirriducieh ghal elf u sitt liri  u sebgha u tletin centezmu (Lm1,006.37c) u tikkunddanna ghalhekk lis-socjeta` appellanti li thallas dan l-ammont bl-interessi legali b’sehh mid-data li fiha nghatat is-sentenza appellata mill-allura Qorti tal-Kummerc sal-pagament effettiv; bl-ispejjez gudizzjarji taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` konvenuta appellanti.

--------------------------------TMIEM--------------------------------